*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,136, 17 ta' Mejju, 1983*

*Taqsima B*

**A.L. 29 ta' l-1983**

## KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

### Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 81 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1983 li jemendaw ir-regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

A L. 14 ta' l-1982

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fil-paragrafu 6 tat-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jitħassru l-kliem "u għandha tkun sewda fil-kulur".